


Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika

ILĦNA
EWLENIN
2005

Drittijiet fundamentali & anti-diskriminazzjoni



L-AĊĊESS
GĦALL-ĠUSTIZZJA

Impjegi & affarijiet soċjali



Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika

ILĦNA EWLENIN 2005
L-ACCÈSS GĦALL-ĠUSTIZZJA

Impjiegi & affarijiet soċjali

Drittijiet fundamentali u anti-diskriminazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq
Taqsima D.3

Manuskritt li tlesta f'Marzu 2005

“Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika: Il-ħna Ewlenin 2005” huwa ppubblikat taħt il-Programm ta’ Azzjoni Komunitarja kontra d-diskriminazzjoni 2001 - 2006, Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Ugwali. Il-kontenut ta’ din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni jew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Jekk inti interessat li tirċievi l-fuljett ta’ aħbarijiet elettroniku “ESmail” mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Ugwali tal-Kummissjoni Ewropea, jekk jogħġbok ibgħat e-mail lil empl-esmail@cec.eu.int. Il-fuljett ta’ aħbarijiet huwa ppubblikat fuq bażi regolari bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż.

Għal aktar tagħrif dwar il-Programm ta’ Azzjoni u d-diskriminazzjoni minħabba r-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali, żur il-website:

http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/index_en.htm

Produzzjoni tar-rapport
GOPA-Cartermill

Ritratti

© Paġni 12, 15, 22, 23, 24: Carl Cordonnier, Dailylife

© Paġna 9: Photodisc

© Paġna 25: Hollandse Hoogte

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas:

00 800 6 7 8 9 10 11

Haġna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista’ jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu.int>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta’ din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2005

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2005

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA

It-tema ta' 'l-aċċess għall-ġustizzja' hija kruċjali fil-q sam tan-non-diskriminazzjoni. Ilkoll kemm aħna nittamaw li niġu trattati fuq il-bażi tal-merti tagħna, iżda jekk dan ma jseħx, x'nistgħu nagħmlu? Liġijiet li jipprobbixxu d-diskriminazzjoni ma jiswew għal xejn jekk in-nies ma jkunux jistgħu jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fil-prattika.

Meta l-problema tkun tirrigwarda d-diskriminazzjoni minħabba xi karatteristika personali, il-vittmi tad-diskriminazzjoni spiss ma jieħdux azzjoni minħabba li jibzġgħu illi jkun kważi impossibbli li jippruvaw il-każ tagħhom, jew inkella għaliex ma jemmnux li r-riżultat aħħari ser ikun wieħed sodisfaċenti. Għaldaqstant huwa kruċjali illi l-vittmi jingħataw appoġġ.

Il-professionisti legali ukoll jistgħu jeħtieġu appoġġ u taħriġ. Li tnejni proċess għal ftehim bonarju, tipprepara ilment u tfiehem il-każ lill-imħallef responsabbli għall-każ hija sfida kbira. L-imħallfin, min-naħa tagħhom, jista' jkollhom japplikaw liġijiet u regoli proċedurali ġodda, jew jindirizzaw atturi legali ġodda bħal trade unions jew NGOs. U dawn l-organizzazzjonijiet jeħtieġu riżorsi adegwati biex ikunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom b'mod effettiv.

Iż-żewġ Direttivi ta' kontra d-diskriminazzjoni li ġew adottati fis-sena 2000 stabbilixxew regoli ġodda għat-trattament ugwali tal-persuni u obligaw lill-gvernijiet nazzjonali biex jadattaw, iġeddu jew jintroduċu leġislazzjoni fil-qasam ta' kontra d-diskriminazzjoni. Dan il-proċess kemmxejn skoraġġanti ħeġġeġ u qanqal dibattitu dinamiku fuq livell akkademiku, kulturali u politiku.

Id-Direttivi jagħmluha ċara illi persuni milquta mid-diskriminazzjoni għandu jkollhom mezzi adegwati ta' protezzjoni legali u dritt effettiv għal rimedju sabiex ikunu jistgħu jirranġaw is-sitwazzjoni tagħhom. Rimedji effettivi f' każijiet ta' diskriminazzjoni huma kritiċi, mhux biss sabiex l-individwi jingħataw rimedju, iżda wkoll sabiex dawk li potenzjalment jistgħu iwettqu diskriminazzjoni jieħdu l-liġi bis-serjetà.

Huwa indispensabbli li tiġi żgurata traspożizzjoni tad-Direttivi fl-Istati Membri kollha, iżda fl-istess ħin, l-UE, permezz tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni 2001-2006, qed tiffoka biex tagħmel id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li jinvolvu realtà.

Il-varjetà ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Programm ta' Azzjoni hija xhieda ta' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropeali tagħti s-saħħa meħtieġa lill-dawk l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet, u professionisti li jinsabu fuq quddiem fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

Dawn l-atturi, u bosta oħrajn, min-naħa tagħhom aċċettaw l-isfida li jiżguraw li d-Direttivi jaħdmu fil-prattika. B'liema mod?

L-ewwel nett, sabiex tinholq kuxjenza u jsir kuntatt mal-vittmi tad-diskriminazzjoni, inħolqu għodda bħal hotlines tat-telefon, ġranet speċjali ta' kontra d-diskriminazzjoni, jew websites sabiex in-nies jingħataw tagħrif dwar id-drittijiet tagħhom u jiġu indirizzati l-mistoqsijiet u d-dubji li jista' jkollhom dwar id-diskriminazzjoni.

Fit-tieni lok, il-ħtieġa li tingħata s-setgħa lill-protagonisti ewlenin sabiex jgħinu lill-dawk milquta mid-diskriminazzjoni – li tinħass haħna mit-trade unions, NGOs, u oħrajn – wasslet għal għadd ta' inizjattivi importanti: il-produzzjoni ta' materjali u għodda ta' informazzjoni; proġetti li għandhom l-għan li jittrasferixxu l-għarfien minn NGOs li huma attrezzati aħjar lill-organizzazzjonijiet ta' l-għeruq b'inqas esperjenza jew li huma inqas ċentrali; it-taħriġ ta' imħallfin u avukati jew avvenimenti li jkollhom l-għan ta' skambju ta' esperjenzi bejn pajjiżi differenti.

U fit-tielet lok, b'għarfien ta' l-importanza li jiġu ppenalizzati b'mod effettiv l-atti jew l-imġieba diskriminatorji, hemm eżempji konkreti ta' azzjoni legali li huma strumentali biex tiġi ċċarata l-applikazzjoni Prattika ta' regoli astratti. Il-kontribuzzjonijiet li jinsabu f'din il-pubblikazzjoni juru l-varjetà ta' korpi responsabbli biex imexxu każijiet ta' diskriminazzjoni, u l-firxa ta' proċeduri li jistgħu jintużaw.

Hekk kif nersqu lejn soċjetà u ambjent tax-xogħol aktar diversi, l-aċċess għall-ġustizzja jista' jsir prijorità aktar akuta, speċjalment f'każijiet ta' fastidju. L-għadd kbir ta' attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità u tal-partijiet konċernati deskritti fil-qosor fil-paġni li ġejjin għandhom mingħajr dubju jiġu mfaħħra bħala kontribuzzjonijiet siewja sabiex id-Direttivi jsiru tassew għodda effettiva fil-ġlieda għall-ugwaljanza.

Matteo Bonini-Baraldi huwa riċerkatur fil-Fakultà ta' Liġi ta' l-Università ta' Bolonja, l-Italja. Huwa kien assistent koordinatur ta' l-ex Grupp Ewropew ta' esperti dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali.

WERREJ

NILĦQU LILL-VITTM I TAD-DISKRIMINAZZJONI **TAQSIMA 1**

DAĦLA.....	5
DISKRIMINAZZJONI? ĊEMPEL MINNUFIH!.....	6
NĦALLU LILL-ANZANI JGĦIDU TAGĦHOM.....	8
NIĠĠIELDU KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI TA' KULJUM.....	9

BINI TA' KAPAĊITÀ GĦALL-ATTURI TA' SOSTENN **TAQSIMA 2**

DAĦLA.....	11
PREŻENTAZZJONI TA' TALBIET TAĦT IL-LEĠISLAZZJONI TAR-RENJU UNIT DWAR ID-DIŻABILITÀ.....	12
INSAĦĦU LILL-NGOs BIEX JAGĦTU APPOĠĠ LILL-VITTM.....	14
TISĦIĦ TAL-KAPAĊITÀ TA' L-NGOs FL-EWROPA AKTAR WIESGĦA.....	16
L-ATTURI TAL-UNION JAĊĊETTAW L-ISFIDA LEGALI.....	18
AVUKATI TALJANI JITGĦALLMU DWAR IL-POTERI LEGALI ĠODDA TA' KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI.....	20

TEĦID TA' AZZJONI **TAQSIMA 3**

DAĦLA.....	21
STRATEĠIJI TA' LITIGAZZJONI: IR-RWOL TA' L-NGOs.....	22
IL-QRATI BULGARI JAĠĠIXXU BIEX JIKKUMBATTU D-DISKRIMINAZZJONI KONTRA R-ROMA	23
IL-ĠLIEDA KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI FIL-BELĠJU.....	25
STRATEĠIJA INTEGRATA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-LEĠISLAZZJONI DWAR L-UGWALJANZA.....	26

NILĦQU LILL-VITTMU TAD-DISKRIMINAZZJONI

DAFLA

Id-Direttivi ta' l-Artikolu 13 jobbligaw lill-Istati Membri biex jiżguraw illi l-vittmi tad-diskriminazzjoni jkollhom aċċess għall-ġustizzja. Iżda l-leġislażjoni tista' tkun effettiva biss jekk in-nies ikunu konxji mid-drittijiet tagħhom u jkunu jafu kif jasserixxuhom. Id-Direttivi għaldaqstant fihom diversi dispożizzjonijiet li jippermettu lid-diversi partijiet konċernati biex jagħtu tagħrif u appoġġ b'mod aħjar lill-vittmi tad-diskriminazzjoni.

L-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet b'interess leġittimu issa jistgħu jieħdu azzjoni legali f'isem, jew għall-appoġġ ta', il-vittmi tad-diskriminazzjoni bil-kunsens tagħhom. It-trade unions, l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet rilevanti oħrajn jistgħu jużaw din l-opportunità biex iwessgħu l-miri tagħhom li jiġieldu kontra d-diskriminazzjoni u jipromwovu l-ugwaljanza. Madanakollu, il-livell ta' esperjenza fost l-organizzazzjonijiet fl-għoti ta' tagħrif u appoġġ lill-vittmi tad-diskriminazzjoni ivarja ħafna ġewwa l-Ewropa. Per eżempju, fil-Belġju xi organizzazzjonijiet għandhom ħafna snin ta' esperjenza (ara l-artiklu f'p. 9-10) waqt li f'pajjiżi bħal Spanja, l-Italja jew il-Polonja, il-possibilitajiet ġodda offruti mil-liġi għad iridu jiġu esplorati b'mod sħiħ.

L-AWTORITAJIET NAZZJONALI GĦANDHOM JOĦOLQU KUXJENZA

Id-Direttivi jobbligaw lill-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jinfurmaw lin-nies dwar il-leġislażjoni. Waqt li dan sar f'xi pajjiżi (ara l-eżempju ta' l-Olanda f'p. 6), l-għarfien pubbliku dwar il-leġislażjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza fil-biċċa l-kbira ta' l-UE għadu baxx ħafna.

IL-KORPI NAZZJONALI TA' L-UGWALJANZA HUMA STRUMENTALI

L-hekk imsejħa 'korpi ta' ugwaljanza nazzjonali' ġew imwaqqfa, jew jinsabu fil-proċess ta' twaqqif, kważi fl-Istati Membri kollha ta' l-UE, bħala rekwiżit tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razze. Ix-xogħol ewlieni tagħhom huwa li jipprovdu assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, imexxu sħarriġ u studji indipendenti u jippublikaw rapporti u rakkomandazzjonijiet indipendenti. Iżda f'bosta pajjiżi ir-rwol tagħhom imur lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva, u xi wħud minnhom ikopru kawżali oħrajn ta' diskriminazzjoni (bħal fl-Awstrija, il-Belġju, l-Olanda, Ċipru, l-Estonja, il-Litwanja jew l-Irlanda). Diversi korpi kienu jeżistu saħansitra qabel it-traspożizzjoni tad-Direttivi u wrew li huma strumentali fl-għoti ta' tagħrif, il-ħolqien ta' kuxjenza u l-għoti ta' appoġġ lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Nittamaw illi l-korpi l-ġodda jkollhom il-mezzi u r-riżorsi approprijati biex jagħmlu l-istess.

DJALOGU MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI

Id-Direttivi jobbligaw lill-Istati Membri biex iħeġġu d-djalogu ma' l-NGOs rilevanti li għandhom interess leġittimu biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. L-NGOs għandhom sehem kruċjali x'jagħtu biex jagħmlu d-drittijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni effettivi, permezz ta' l-avukatura kif ukoll permezz ta' attivitajiet għall-ħolqien ta' kuxjenza. Id-djalogu bejn l-imsieħba soċjali huwa ugwalment importanti sabiex jipromwovi l-prinċipju tat-trattament ugwali. Iżda kemm jaħdmu t-trade unions u l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ivarja b'mod konsiderevoli fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Pjan ta' Azzjoni adottat mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC) qed iħeġġeġ lill-membri biex jaqsmu l-ideat u l-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi u l-attivitajiet ta' ħolqien ta' kuxjenza.

Il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, il-korpi ta' ugwaljanza, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu, l-NGOs u r-rappreżentanti ta' vittmi potenzjali tad-diskriminazzjoni hija essenzjali għall-infurzar effettiv tal-leġislażjoni dwar l-ugwaljanza. Kull wieħed jew waħda minnhom għandhom ħila esperta speċifika u rwol kritiku fl-għoti ta' tagħrif, il-ħolqien ta' kuxjenza u l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza.

Maria Miguel Sierra hija avukatessa b'esperjenza dwar l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jiġieldu kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. Bħalissa hija taħdem bħala konsulenta fi proġetti ta' kontra d-diskriminazzjoni (ara p. 9).



DISKRIMINAZZJONI? ĊEMPEL MINNUFIH!

Astrid Kortenbach hija konsulenta politika fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi fid-dipartiment responsabbli għall-iżvilupp ta' leġislazzjoni u politika dwar it-trattament ugwali u n-non-diskriminazzjoni.

L-Olanda diġà għandha infrastruttura komprensiva ddisinjata biex tiġġieleed kontra d-diskriminazzjoni. Uffiċċji lokali u reġjonali ġewwa l-pajjiż kollu jipprovdu pariri u jindirizzaw ilmenti dwar kull kawżali ta' diskriminazzjoni. Hemm ukoll ħames ċentri nazzjonali ta' għarfien espert li jispeċjalizzaw fuq kawżali wieħed jew tnejn tad-diskriminazzjoni. U fl-aħħar nett hemm il-Kummissjoni għat-Trattament Ugwali, il-korp nazzjonali għall-ugwaljanza li jjeħu ħsieb ilmenti formali, jagħti opinjonijiet formali dwar il-kawżali kollha tad-diskriminazzjoni u jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku aktar wiesgħa.

IL-KUXJENZA PUBBLIKA HIJA NIEQSA

Madanakollu, mhux kullħadd fl-Olanda huwa konxju li jeżisti dan in-netwerk ta' organizzazzjonijiet jew jaf kif għandu jikkuntattjahom. Il-gvern Olandiż, flimkien ma' diversi NGOs, iddeċieda li jniedi kampanja ta' informazzjoni biex jilħaq lill-vittmi jew lix-xhieda potenzjali tad-diskriminazzjoni. Il-kampanja ngħatat appoġġ mill-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni.

Fil-qalba tal-kampanja hemm il-hotline nazzjonali (0900-BelGelijk jew 0900-2 354 354) u l-website (www.belgelijk.nl). Dawn ġew mniedija f'Ġunju 2004 bl-islogan "Discriminatie? Bel gelijk!" (Diskriminazzjoni? Ċempel minnufih!). In-numru ġie ppubblikat fid-direttorji tat-telefon u dawk muniċipali

kollha u f'Ottubru 2004 bdiet kampanja nazzjonali fuq tabelluni ta' maġenb it-toroq. L-istazzjonijiet tar-radju, b'mod partikolari wieħed immexxi minn żgħażaġħ minn sfondi etniċi differenti, għamlu pubbliċità kbira għall-kampanja. Iżda l-penetrazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir l-oħrajn kienet aktar diffiċli.

It-telefonati fuq il-hotline jintbagħtu direttament lill-uffiċċji lokali u reġjonali. Għalkemm l-għadd totali ta' telefonati li jirċievu ma żdiedx b'mod drammatiku,

l-użu tal-hotline u l-website żdied b'mod stabbli minn meta ġew mniedija. Bejn Ġunju u Diċembru 2004, l-uffiċċji rċevew kważi 600 telefonata permezz tal-hotline, u l-website irreġistrat il fuq minn 13,000 żjara.

TITJIB FIL-KOOPERAZZJONI HUWA STRUMENTALI

Is-suċċess kontinwu tal-hotline ser jiddependi kemm fuq żjeda fil-pubbliċità kif ukoll fuq il-kapaċità ta' l-infrastruttura li tinsab taħtha li tindirizza t-talbiet u l-ilmenti li jidħlu. Din il-kampanja tat impuls pożittiv biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet involuti fil-prevenzjoni u l-ġlieda ta' kontra d-diskriminazzjoni.

Il-kampanja hija kkoordinata u mmexxija mill-aġenzija ta' kontra d-diskriminazzjoni RADAR (Rotterdam), li ġiet imqabbdha mill-Federazzjoni Nazzjonali ta' l-Uffiċċji ta' Kontra d-Diskriminazzjoni.



Kampanja nazzjonali fuq tabelluni ta' maġenb it-toroq bdiet f'Ottubru 2004

GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI:

L-uffiċċji lokali/reġjonali ta' kontra d-diskriminazzjoni jistgħu jiġu kkuntattjati permezz tal-Federazzjoni Nazzjonali ta' Uffiċċji ta' Kontra d-Diskriminazzjoni (Landelijke Vereniging van Anti Discriminatie Bureaus en Meldpunten): www.lvadb.nl, www.belgelijk.nl

Il-kampanja hija kkoordinata mill-aġenzija ta' kontra d-diskriminazzjoni RADAR: www.radar.nl, www.belgelijk.nl

IMSIEĦBA OĦRAJN TAL-KAMPANJA JINKLUDU

- iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Għarfien Espert:

LBL (Età): www.leeftijd.nl

LBR (Razza/etniċità/twemmin): www.lbr.nl

E-Quality (Sess u etniċità): www.e-quality.nl

CG-Raad (Diżabilità): www.cg-raad.nl

KLHE (Orientazzjoni sesswali):

www.homo-emancipatiebelied.nl

Il-Kummissjoni għat-Trattament Ugwali:


www.cgb.nl

'LINHA SOS IMIGRANTE' – LINJA TELEFONIKA TA' GĦAJNUNA GĦALL-IMMIGRANTI FIL-PORTUGALL


Hotline tat-telefon immirata għall-immigranti u l-minoranzi etniċi ilha topera fil-Portugall minn Marzu ta' l-2003. Din tipprovdi informazzjoni u appoġġ dwar kwistjonijiet bħal-legalizzazzjoni jew ir-riunifikazzjoni ta' familji, iżda tippermetti wkoll li l-individwi jirreġistraw ilmenti ta' diskriminazzjoni jew fastidju. Xi wħud minn dawn l-ilmenti jistgħu jitressqu 'l quddiem minn esperti legali li jaħdmu għas-servizz.

Il-hotline SOS għall-Immigranti ġie ffinanzjat mill-baġit tal-Kummissjoni Għolja għall-Immigrazzjoni u l-Minoranzi Etniċi (ACIME), dipartiment tal-gvern, permezz ta' protokollu ma' l-assoċjazzjonijiet ta' l-immigranti.

Numru ta' talbiet bit-telefon kull xahar



Numru ta' talbiet skond il-pajjiż ta' l-orijini





NĦALLU LILL-ANZANI JGĦIDU TAGĦHOM

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeg tendi drittijiet ġodda biex tiproteġi lil dawk li huma diskriminati minħabba l-età tagħhom. Iżda kif qed jiġu mgħarrfa dwar id-drittijiet tagħhom il-persuni milquta? U x'jistgħu jagħmlu meta jiġu trattati b'mod inġust? 'Drittijiet ugwali fil-prattika' kellmet lil Hanne Schwietzer, president ta' 'L-Uffiċċju kontra d-diskriminazzjoni minħabba l-età' f'Kolonja, il-Ġermanja. Din hija l-unika organizzazzjoni fuq livell nazzjonali

li fil-Ġermanja li qed tmexxi kampanja kontra d-diskriminazzjoni minħabba l-età.

X'inhil-istrateġija tagħkom biex tindirizzaw id-diskriminazzjoni minħabba l-età?

Lura fl-1999, il-politikanti fil-Ġermanja kienu jgħidu illi d-diskriminazzjoni minħabba l-età ma teżistix. Aħna ridna niġbru l-provi biex nuru li dan ma kienx minnu, u nħeġġu lin-nies biex jaħsbu b'mod aktar miftuħ dwar id-diskriminazzjoni minħabba l-età. Iddeċidejna li norganizzaw jum ta' ilmenti madwar il-pajjiż kollu – li seħħ fil-21 ta' Novembru 2001.

Għamilna pubbliċità dwar il-jum permezz ta' organizzazzjonijiet lokali ta' l-għeruf, u ħloqna hotline speċjali għan-nies biex iċemplu bl-ilmenti tagħhom. Matul dak il-jum wieħed irreġistrajna xi 4029 telefonata – ħafna iktar milli t-tim tagħna ta' 260 voluntier u 20 linja tat-telefon setgħu ilaħħqu magħhom. Iżda nrexxilena nirreġistraw kważi 1,600 ilment, u b'hekk għarna ħafna provi illi d-diskriminazzjoni minħabba l-età fil-fatt iseħħ f'ħafna aspetti tal-ħajjiet tagħna ta' kuljum.

Madwar 30% ta' l-ilmenti irreferew għal sitwazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol. Per eżempju sibna illi

anki pożizzjonijiet offruti fi ħdan l-Awtorità Federali xi kultant ipoġġu limitu ta' età "sa 40" sena. Iktar kien hemm probabbiltà li l-irġiel jilmentaw dwar diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol milli n-nisa (43% meta mqabbla ma' 26% tat-telefonati mill-irġiel u n-nisa rispettivament).

It-tieni l-ogħla numru ta' ilmenti (19%) kien dwar ix-xbiha – kif il-persuni anzjani jintwerew fil-medja. Iżda identifikajna sitwazzjonijiet oħrajn fejn il-persuni aktar anzjani iħabbtu wiċċhom regolarment mad-diskriminazzjoni bħal fl-aċċess għall-assigurazzjoni tas-saħħa, servizzi finanzjarji, żoni pubbliċi, servizzi ta' kura, edukazzjoni ulterjuri u xogħol ta' volontarjat.

Naturalment il-jum nazzjonali ta' ilmenti kien wieħed intensiv ħafna għal dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi tagħna – iżda għen biex joħloq kuxjenza pubblika dwar is-suġġett. Fl-2002 ħloqna website li n-nies jistgħu jirreferu għalih u li jistgħu jużaw biex jibagħtu l-ilmenti tagħhom b'mod elettroniku. Bejn Jannar u Diċembru 2004, kellna madwar 46,000 viżitatur tas-sit. Qed insiru magħrufa dejjem aktar bħala l-punt ta' referenza dwar id-diskriminazzjoni minħabba l-età.


X'appoġġ jew pariri toffru lil min ikollu ilment?

Fil-preżent m'hemm ebda leġislazzjoni fil-Ġermanja li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età, u għaldaqstant ma nistgħux nagħtu parir għal azzjoni legali. Madanakollu ninfurmaw lin-nies dwar leġislazzjoni eżistenti ta' l-UE u nagħtu pariri lin-nies dwar x'għandhom jinkludu f'ilment formali.

X'bidliet tantiċipaw fil-futur?

F'Jannar 2005 il-Gvern Federali organizza l-ewwel smiġh tal-liġi l-ġdida li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq għadd ta' kawżali inkluża l-età. Konna involuti fl-għoti ta' pariri dwar il-kontenut ta' l-ewwel abbozz. Nittamaw illi l-liġi l-ġdida tmur lil hinn mid-direttivi ta' l-UE, u tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-aċċess għal prodotti u servizzi kif ukoll fl-impjieg. Iżda għadu kmieni. Nittamaw illi l-liġi tgħaddi mill-gvern malajr u tiġi adottata qabel is-sajf ta' l-2005.

Aktar kien hemm irġiel illi lmentaw dwar diskriminazzjoni fuq il-post tax-xgħol milli nisa



GĦAL AKTAR TAĠHRIF DWAR IL-JUM NAZZJONALI TA' ILMENTI ARA:

www.altersdiskriminierung.de

NIĠĠIELDU KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI TA' KULJUM

Maria Miguel Sierra kienet tmexxi l-uffiċċju ta' ilmenti tal-Moviment kontra r-Razziżmu, l-anti-semitiżmu u l-Ksenofobija (MRAX) għal bosta snin u wara saret viċi direttriċi tan-Netwerk Ewropea Kontra r-Razziżmu (ENAR). Bħalissa hija taħdem bħala konsulenta u hija involuta f'għadd ta' proġetti differenti fl-Istati Membri ġodda ta' l-UE.

Waħda mill-innovazzjonijiet introdotti mid-Direttivi kienet id-dritt għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jappoġġjaw jew jirrappreżentaw vittmi tad-diskriminazzjoni fi proċedura legali. Minħabba il-konnessjonijiet mill-qrib mal-'gruppi vulnerabbli, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jgħinu jinfurzaw il-leġislazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni.

L-esperjenza tal-'Moviment kontra r-Razziżmu, l-Anti-semitiżmu u l-Ksenofobija' (MRAX) – organizzazzjoni Belġjana li ma tagħmilx qliegħ – tipprovdi eżempju tajjeb. L-MRAX ilha tmexxi uffiċċju ta' ilmenti mill-1974, li jipprovdi servizz lil persuni li kienu vittmi ta', jew li kienu xhieda ta', atti ta' razziżmu jew diskriminazzjoni.



GĦAŻLA TA' AZZJONI APPROPRIJATA

Fi ħdan l-uffiċċju ta' ilmenti, tim ta' żewġ konsulenti legali jipprovdu informazzjoni u gwida b'xejn dwar l-alternattivi li għejjin li huma miftuħa għal min jagħmel l-ilment.

- **Sfida lil min allegatament wettaq id-diskriminazzjonijewis-superjurtiegħu/tagħha.** Il-parti akkużata tiegħi mistiedna biex tagħti l-verżjoni tagħha tal-fatti u tiġi mwissija dwar il-konsegwenzi legali potenzjali tad-diskriminazzjoni. Fejn ikun xieraq, il-ġerarkija tagħhom tiġi mistiedna biex tinvestiga l-fatti u biex tiegħu azzjoni approprijata. Id-disważjoni u l-prevenzjoni huma l-għanijiet ewlenin ta' din it-tip ta' azzjoni.
- **Medjazzjoni.** F'sitwazzjonijiet fejn ikun diffiċli biex tinġieb prova ta' diskriminazzjoni (per eżempju fir-rigward ta' l-akkomodazzjoni fi djar) jew meta min jagħmel l-ilment ikun f'pożizzjoni delikata (per eżempju fl-impjeg), tista' tiġi proposta l-medjazzjoni. Din tinvolvi li jiġi stabbilit dialogu mal-parti akkużata bil-għan li jintlaħaq ftehim jew apoloġija.
- **Preżentazzjoni ta' ilment.** F'każijiet ta' atti razzisti mwettqa minn uffiċjal pubbliku u aktar speċifikament mill-pulizija, il-biċċa l-kbira tal-vittmi għandhom tendenza li jippreżentaw ilment. F'każijiet ta' natura serja jew eżemplari, l-MRAX tista' tiegħu sehem f'azzjoni legali. L-Att ta' l-1981 (dwar l-ikkastigar ta' ċerti atti motivati mir-razziżmu jew il-ksenofobija) jawtorizza lill-MRAX biex tagħmel hekk.

ĦOLQIEN TA' KUXJENZA PUBBLIKA

L-ilmenti li rċieva l-Uffiċċju għenu lill-MRAX biex tfassal kampanja ta' ħolqien ta' kuxjenza li għandhom l-għan li jwaqqfu d-diskriminazzjoni minn ras il-għajn, kif ukoll biex iħeġġu lill-vittmi jiddenunzjaw l-atti diskriminatorji. Sa mill-2002, l-MRAX mexxiet kampanja ffukata fuq id-diskriminazzjoni ta' kuljum. Hija bdiet billi tindirizza d-diskriminazzjoni fl-aċċess għal diskoteki u ħwienet tax-xorb; bħalissa qed tikkonċentra fuq l-akkomodazzjoni fi djar; l-aħħar parti tal-kampanja ser tkopri d-diskriminazzjoni fl-impjeg. Il-kampanja qed titmexxa bi sħubija maċ-Ċentru għall-Opportu-



Il-kampanja ta' informazzjoni tiffoka fuq id-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni fi djar

nitajiet Ugwali u l-Oppożizzjoni għar-Razziżmu (il-korp nazzjonali Belġjan għall-ugwaljanza) u firxa ta' assoċjazzjonijiet u istituzzjonijiet.

HIJA MEĦTIEĠA AZZJONI POLITIKA WKOLL

L-MRAX toffri wkoll ħila esperta dwar kwistjonijiet relatati ma' l-immigrazzjoni u l-ażil, ċentru ta' dokumentazzjoni, sessjonijiet ta' taħriġ għal udjenzi differenti u newsletter li toħroġ darba fix-xahar "MRAX-Info". Fuq il-bażi ta' l-esperjenza kbira tagħha, l-MRAX għandha l-ħila li tagħti kontribut għall-iżvilupp ta' leġislazzjoni u politika u tisfida lill-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjali u politiċi biex jaġixxu kontra d-diskriminazzjoni razzjali.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF:

- Moviment kontra r-Razziżmu, l-Antisemitiżmu u l-Ksenofobija: www.mrx.be
- Korp Nazzjonali Belġjan għall-Ugwaljanza: www.antiracisme.be

BINI TA' KAPAĊITÀ GĦALL-ATTURI TA' SOSTENN DAĦLA

LEJN GĦAN KOMUNI GĦALL-ATTURI

Iż-żewġ Direttivi ta' kontra d-diskriminazzjoni jeħtieġu li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm disponibbli proċeduri ġudizzjali u/jew amministrattivi għal dawk li jesperjenzaw id-diskriminazzjoni, b'mod illi jinħoloq rwol ġdid għall-avukati, l-NGOs, l-assoċjazzjonijiet, il-korpi indipendenti u t-trade unions.

Filwaqt li r-rwol ta' l-organizzazzjonijiet eżistenti ġie msaħħaħ (per eżempju fir-Renju Unit), id-Direttivi ippermettew il-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda li huma intitolati biex jinfurmaw lill-vittmi, jagħtu pariri, jirrappreżentawhom quddiem il-qrati, jiġbru l-evidenza meħtieġa u jassistuhom biex jinnegozjaw ma' min iħaddimhom. It-tipi differenti ta' atturi u organizzazzjonijiet – NGOs, trade unions u avukati – għandhom status differenti u spiss jindirizzaw kawżali partikolari ta' diskriminazzjoni. Dan ifisser li kull wieħed minnhom għandu rwol speċifiku x'jaqdi fil-prattika.

Madanakollu, qegħdin ukoll isegwu objettiv komuni: li jagħmlu l-leġislazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni infurzabbli. Sabiex jiksbu dan, jeħtieġ li jikkooperaw u jaħdmu flimkien mill-qrib. Min aħjar jista' jgħin lil avukat jiġbor l-provi meħtieġa biex jitressaq każ quddiem il-qorti minn NGO jew trade union? U mingħajr il-ħila esperta legali ta' l-avukat, l-NGOs u t-trade unions huma limitati fil-pariri legali li jistgħu joffru lill-vittma jekk ma jkunux żviluppaw ir-riżorsi neċessarji.

TAĦRIĠ – GĦODDA ESSENZJALI

Dawn l-atturi jridu jkunu konxji tar-rwoli u l-potenzjal kumplimentari tagħhom biex jiddefendu lill-vittmi b'mod kemm jista' jkun effettiv. Il-ħolqien ta' kuxjenza huwa tema ċentrali għall-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni u qed isir, fost oħrajn, minn diversi istituzzjonijiet ta' taħriġ nazzjonali u transnazzjonali.

It-taħriġ huwa strument essenzjali biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u għall-appoġġ tal-vittmi. Permezz ta' taħriġ dwar id-Direttivi dwar id-diskriminazzjoni ta' l-UE u l-leġislazzjoni trasposta, l-atturi ma jiġux infurmati biss dwar it-tifsira u l-implikazzjoni tal-kunċetti użati fl-istrumenti legali, iżda jiġu wkoll mgħallma dwar kif għandhom jużawhom u jadattawhom għal sitwazzjonijiet differenti.

Dan it-taħriġ jagħti lill-atturi metodoloġija legali speċifika sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-metodi speċifiċi tar-raġunar legali fl-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tad-Direttivi. Billi ssegwi metodu reġjonali, bħal dak tal-Kunsill Superjuri Taljan tal-Ġudikatura, jew wieħed transnazzjonali, bħall-Akkademija tal-Liġi Ewropea fi Trier, tista' tippermetti wkoll lill-atturi jaqsmu l-esperjenzi professjonali u l-fehmiet tagħhom.

Florence Hartmann-Varielles hija Direttriċi tal-Kors fl-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) fi Trier, fejn hija responsabbli għal serje ta' seminars dwar il-liġi ta' kontra d-diskriminazzjoni ta' l-UE, bl-appoġġ tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni. Hija qabel kienet tipprattika bħala avukatessa fi Grenoble u Pariġi.



PREŻENTAZZJONI TA' TALBIET TAĦT IL-LEĠISLAZZJONI TAR-RENJU UNIT DWAR ID-DIŻABILITÀ

Caroline Gooding hija Direttriċi mal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità fir-Renju Unit, responsabbli biex tagħti pariri dwar kwistjonijiet ta' diżabilità importanti fit-tul u fuq firxa wiesgħa, kif ukoll l-impatt ġenerali ta' l-Att dwar Diskriminazzjoni minħabba Diżabilità (Disability Discrimination Act - DDA). Hija kienet il-kap tal-Proġett ta' Rappreżentanza u Konsulenza tad- DDA u kienet membru tat-Task Force tal-Gvern dwar id-Diżabilità.

Minn meta għadda l-Att dwar Diskriminazzjoni minħabba Diżabilità (DDA) tar-Renju Unit fl-1995, żewġ organizzazzjonijiet nazzjonali tad-diżabilità stabbilixxew proġetti jew unitajiet speċifiċi biex jipprovdu konsulenza u rappreżentanza dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni minħabba d-diżabilità.

UNITAJIET SPEĊJALIZZATI TA' KONSULENZA LEGALI

L-Istitut Nazzjonali Rjali għall-Għomja (Royal National Institute of the Blind - RNIB) stabbilixxa l-pożizzjoni ta' Uffiċjal Legali. Dan is-servizz, li issa żdied għal żewġ membri ta' l-istaff, jagħti pariri u jirrappreżenta lil persuni għomja u li jbatu biex jaraw f'każijiet ta' diskriminazzjoni, u jagħti pariri lil dawk li jirrappreżentawhom, bħall-avukati, trade unions jew ċentri legali. Jipproduċi wkoll folji bil-fatti dwar id-DDA u jagħmel taħdidiet madwar il-pajjiż dwar id-dispożizzjonijiet tiegħu.

L-RNIB irrappreżenta mijiet ta' persuni għomja jew li jbatu biex jaraw kemm f'każijiet ta' impjeg kif ukoll f'każijiet dwar prodotti u servizzi. Huwa jirċievi medja ta' bejn 50 u 75 talba bit-telefon fil-ġimgħa, minbarra talbiet bl-email u bil-posta. Ħafna każijiet ġew solvuti, waqt li wħud ħolqu preċedent fil-qrati. Per eżempju:

- Is-Sur H ma thallix jidhol fir-restorant lokali tiegħu billi kellu

kelb ta' gwida miegħu. Huwa kien rappreżentat mill-RNIB f'talba taħt l-Att. Huwa rebaħ £1,000 (1,450 Euro) bħala kumpens u ingħatat l-ewwel inġunzjoni taħt dawn id-dispożizzjonijiet kontra r-restorant, li ġie mgjegħel iħallieh jiekol hemm.

- Is-Sur A ma ngħatax xogħol billi ma kellux liċenzja tas-sewqan, minkejja li seta' jivjaġġa b'mezzi



Bosta organizzazzjonijiet tar-Renju Unit jipprovdu konsulenza legali dwar id-diskriminazzjoni minħabba diżabilità

oħrajn għax-xogħol. Il-każ issolva bi flus ta' £12,000 (17,400 Euro) kumpens u l-offerta ta' kariga oħra.

L-Istitut Nazzjonali Rjali għal Persuni nieqsa mis-Smigħ (Royal National Institute for Deaf People - RNID) huwa l-akbar istituzzjoni ta' karità u jirrappreżenta d-disa' miljun persuna nieqsa mis-smigħ jew li jbatu biex jisingħu fir-Renju Unit. Stabbilixxew unita speċjalizzata ta' konsulenza legali u avukatura – il-Casework Service – biex jiffoka fuq kwistjonijiet li jolqtu lill-persuni nieqsa mis-smigħ u li jbatu biex jisingħu għal dak li għandu x'jaqsam mal-leġislażzjoni

dwar id-diżabilità u s-sigurtà soċjali.

Mill-2001, il-Casework Service ħa ħsieb direttament aktar minn 2,000 talba minn individwi, kif ukoll bosta mijiet ta' kuntatti ma' organizzazzjonijiet u aġenziji tal-gvern. Kien kapaċi jassumi litigazzjoni dwar id-DDA minn nofs l-2002, u offra rappreżentanza f'aktar minn 30 każ li jkopru l-impjeg, l-edukazzjoni u prodotti u servizzi. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet ġew solvuti b'suċċess, jew fis-smiġħ finali jew permezz ta' ftehim negozjat.

NETWORKS OĦRAJN HUMA ATTIVI WKOLL

Waqt li dawn iż-żewġ organizzazzjonijiet kienu l-aktar attivi fil-provvediment ta' avukatura u informazzjoni dwar id-DDA, oħrajn jipprovdu servizzi simili. MIND, l-akbar organizzazzjoni nazzjonali għal persuni b'mard mentali, tipprovdi linja ta' pariri legali u għandha netwerk ta' professjonisti legali li tista' tirreferi għalihom. Dan is-servizz ta' pariri jkopri firxa ta' kwistjonijiet – proporzjon żgħir biss tat-telefonati jinvolvu d-DDA.

DIAL-UK, netwerk ta' 160 servizz ta' Linji lokali ta' Informazzjoni u Pariri dwar id-Diżabilità, organizzat serje ta' seminars ta' taħriġ madwar il-pajjiż meta d-DDA ġiet introdotta għall-ewwel darba.

Bosta trade unions huma attivi wkoll fit-tixrid ta' informazzjoni dwar il-liġi u fil-preżentazzjoni ta' każijiet f'isem il-membri tagħhom. Il-konnessjonijiet tajbin bejn l-organizzazzjonijiet tad-diżabilità u t-trade unions huma importanti sabiex jiġu rappreżentati b'mod effettiv id-drittijiet ta' persuni b'diżabilitajiet.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF:

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità: www.drc-gb.org
Leġislazzjoni dwar id-Diżabilità, ara t-Taqsima tal-Politika dwar id-Diżabilità tal-Gvern tar-Renju Unit: www.disability.gov.uk

RNIB: www.rnib.org.uk
RNID: www.rnid.org.uk
MIND: www.mind.org.uk
DIAL-UK: www.dialuk.info

ATTIVISTI U AVUKATI: PROGRAMM TA' TAĦRIĠ DWAR ID-DRITTIJET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Il-Konfederazzjoni Nazzjonali ta' Persuni b'Diżabilità tal-Greċja qed tikkoordina proġett li jinvolvi sħab minn disa' Stati Membri ta' l-UE, il-Bulgarija u r-Rumanija. L-għan tiegħu hu li jagħti saħħa lill-attivisti u lill-avukati, li għandhom diżabilità huma stess jew li jirrappreżentaw persuni b'diżabilitajiet, biex jużaw l-istrumenti legali li ġew adottati dan l-aħħar. Ser jiġu organizzati tlett seminars fuq livell ta' l-UE u 11-il seminar nazzjonali ta' taħriġ li ser jiffukaw fuq leġislazzjoni dwar drittijiet li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet ta' l-UE u internazzjonali u l-liġijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri. Huwa maħsub ukoll illi l-proġett ser iwasal għal manwal u sit ta' l-internet dwar it-taħriġ.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF ARA:

Forum Ewropew dwar id-Diżabilità (EDF): www.edf-feph.org
Konfederazzjoni Nazzjonali ta' Persuni b'Diżabilità fil-Greċja: www.esaea.gr



INSAĦĦU LILL-NGOs BIEX JAGĦTU APPOĠĠ LILL-VITTMĪ

Anette Sjödin hija koordinatriċi ta' proġetti fi ħdan l-RFSL (Federazzjoni Svediża għad-Drittijiet tal-persuni Lesbiċi, Omosesswali, Bisesswali u Transesswali), fejn hija tiffoka b'mod predominanti fuq proġetti ta' l-UE li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' fuq il-post tax-xogħol.

Ma' nies li jsaqqfu wiċċhom mad-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol qatt ma jaslul jagħmlu ilment. Għalfejn? Xi jżomm lill-individwi milli jieħdu azzjoni biex jiproteġu d-drittijiet tagħhom?

L-ewwel nett, trid tkun taf x'inhil d-diskriminazzjoni, u li hemm liġi kontriha. Minflok ma twaħħal fik innifsek li m'intix tajjeb biżżejjed, trid tintebaħ illi jekk jagħmlu l-arja miegħek, jagħtuk fastidju jew iċaħħduk xogħol minkejja li tkun l-aktar applikant ikkwalifikat, dan kollu jammonta għal diskriminazzjoni.

It-tieni nett, jeħtieġ ill tara l-benefiċċju li tagħmel reazzjoni, li tipprotesta kontra t-trattament diskriminatorju. Għalfejn għandek taġixxi, għalfejn ma toqgħodx kwiet u tissaporti? Trid tkun motivat biżżejjed biex tieħu azzjoni.

Fl-aħħar nett, trid tkun taf lejn min tista' tirrikorri. Lil min tista' tafda? Min ser iżomm miegħek u jkun jaf x'inhil l-pass li jmiss? Kollok bżonn ta' appoġġ kemm fir-rigward tal-proċedura legali kif ukoll biex tiflaħ għall-istress mentali.

Ser ikun hemm bżonn sforz kbir jekk għandna ngħelbu dan ix-xkiel u napplikaw il-leġislażżjoni fil-ħajja ta' kuljum. F'dak li għandu x'jaqsmu ma' appoġġ lill-individwi, l-NGOs għandhom rwol importanti ħafna. Bħala rappreżentanti tal-gruppi esposti, huma għandhom għarfien dwar il-ħajja ta' kuljum ta' l-individwi li jirrappreżentaw, kif ukoll għarfien dwar il-forom ta' diskriminazzjoni. L-NGOs jistgħu jindirizzaw b'mod kredibbli x-xkiel imsemmi hawn fuq meta

jikkomunikaw ma' individwi u organizzazzjonijiet.

TAĦRIĠ FIL-MIRA F'ERBA' PAJJIŻI

Fil-proġett "Access għall-Ġustizzja" organizzazzjonijiet minn erba' pajjiżi qed jaħdmu flimkien biex inaqqsu d-distakk bejn il-kliem u l-azzjoni, sabiex il-leġislażżjoni tiġi applikata fil-prattika meta sseħħ id-diskriminazzjoni. Il-proġett jiffoka fuq il-kawżali ta' l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali. L-attivitajiet nazzjonali huma mmexxija minn erba' NGOs: Help the Aged mir-Renju Unit, il-Konfederazzjoni Spanjola ta' l-Organizzazzjonijiet tal-Persuni Anzjani (CEOMA), ACCEPT, li taħdem fuq l-orjentazzjoni sesswali fir-Rumanija, u l-Federazzjoni Svediża għad-drittijiet tal-persuni Lesbiċi, Omosesswali, Bisesswali u Transesswali (RFSL). Il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Svediżi (LO) u l-Ombudsman kontra d-Diskriminazzjoni Minħabba l-Orjentazzjoni Sesswali (HomO)

huma involuti wkoll fil-proġett, immexxi mill-RFSL. Il-proġett jingħata appoġġ bħala azzjoni transnazzjonali taħt il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni.

Fuq livell nazzjonali, il-proġett huwa organizzat f'modi differenti fil-erba' pajjiżi. Dan huwa neċessarju, minħabba li l-kondizzjonijiet u l-istrutturi huma differenti: il-liġi tvarja bejn pajjiż u ieħor; l-għarfien tal-liġi huwa bejn wieħed u ieħor mxejred fost l-individwi, l-NGOs, it-trade unions u r-rappreżentanti legali; l-





L-individwi jeħtieġu appoġġ biex iħaddmu l-leġislazzjoni fil-prattika



istrutturi għall-indirizzar ta' l-ilmenti jvarjaw; u l-atturi ewlenin m'humix dejjem l-istess f'kull pajjiż. Iżda għalkemm id-dettalji jvarjaw, l-għan aħħari jibqa' l-istess: li tingħata setgħa lill-atturi ewlenin sabiex jappoġġaw lill-individwi permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità tagħhom. Dan isir permezz ta' seminars/konferenzi u l-produzzjoni ta' materjal ta' taħrif/taħriġ. Ix-xkiel imsemmi hawn fuq ser jġi indirizzat, b'enfasi fuq ir-rwoli ta' l-atturi ewlenin u l-opportunitajiet u r-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu differenza għall-individwi.

twil – u l-individwi ser jeħtieġu l-appoġġ mill-NGOs tagħhom biex iħaddmu l-leġislazzjoni fil-prattika.

INWITTU T-TRIQ GĦAL AZZJONI FIL-ĠEJJIENI

L-eżitu finali tal-proġett ser ikun ġabra konġunta ta' għodda ta' taħriġ, żviluppata matul il-perodu tal-proġett u ffinalizzata fl-2006. Il-ġabra ta' għodda ser tinqaleb f'bosta lingwi. Ser isir seminar transnazzjonali fl-2006, fejn l-għan importanti u ġenerali ser ikun li tiġi stabbilita aġenda għall-ħidma kontinwa ta' kontra d-diskriminazzjoni ġewwa l-Ewropa kollha. Dan għaliex ħaġa waħda hija ċerta: il-ħidma kontra d-diskriminazzjoni ser ikollha tissokta għal żmien

GĦAL AKTAR TAGĦRIF, ŻUR:

www.rfsl.se/access



TISĦIĦ TAL-KAPAĊITÀ TA' L-NGOs FL-EWROPA AKTAR WIESGĦA

Margarita Ilieva hija avukatessa ta' kontra d-diskriminazzjoni, li tipprattika f'Sofja. Hija kienet involuta fl-abbozzar tal-leġislazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni tal-Bulgarija li tittrasponi d-Direttivi ta' l-UE u wettqet għadd ta' analiżi esperti tal-qagħda legali domestika attwali, inkluża waħda għall-Kummissjoni Ewropea. Bħalissa

hija l-koordinatriċi nazzjonali fil-Bulgarija fi proġett biex tiffassal u tinbena l-kapaċità ta' l-NGOs fl-għaxar Stati Membri ġodda u t-tlett pajjiżi kandidati – li jingħata appoġġ taħt il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni. Hija tispjega aktar lil 'Drittijiet ugwali fil-prattika' dwar dan il-proġett u l-ħtiġijiet tas-settur ta' l-NGOs fil-Bulgarija u b'mod aktar wiesgħa fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Kif jistgħu l-NGOs jgħinu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni biex ikollhom aċċess għall-ġustizzja?

L-NGOs għandhom il-funzjoni li joħolqu kuxjenza, sabiex jgħinu lill-vittmi jagħrfu d-diskriminazzjoni bħala ksur ta' drittijiet u jgħarrfuhom dwar mezzi possibbli ta' rimedju. Minbarra dan huma jirċievu u jipproċessaw ilmenti, u jagħtu pariri dwar kif wieħed għandu jindirizza sitwazzjoni, kemm mil-lat legali kif ukoll dak prattiku. Meta tkun meħtieġa litigazzjoni, l-NGOs jgħinu lill-vittmi jħejju każijiet legali billi jiddokumentaw il-fatti relevanti u jiżguraw li jkun hemm il-provi meħtieġa sabiex jitressaq ilment quddiem il-qorti. Xi NGOs għandhom riżorsi ta' ħila esperta, li jippermettilhom jipprovdu lill-vittmi b'rappreżentanza quddiem il-qrati u awtoritajiet oħrajn. Xi wħud minnhom jinvolvu ruħhom f'litigazzjoni strateġika, billi jfittxu jew jiżviluppaw b'mod proattiv każijiet legali pemezz ta' eżerċizzji ta' prova, sabiex jagħtu spunt għall-ħolqien ta' ġurisprudenza dwar kwistjonijiet b'implikazzjonijiet li jolqtu s-sistema kollha. Wara huma jippubbliċizzaw ir-riżultati tal-litigazzjoni, u jaħdmu biex joħolqu bidla fl-attitudnijiet tal-pubbliku ġenerali.

Kif inbidel dan ir-rwol fil-Bulgarija bil-leġislazzjoni l-ġdida ta' kontra d-diskriminazzjoni?

Il-leġislazzjoni l-ġdida li tittrasponi l-acquis ta' l-UE żiedet b'mod sinjifikanti l-ħila ta' l-NGOs li jinvolvu ruħhom f'litigazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni. Din tathom locus standi kemm biex jirrappreżentaw lill-vittmi kif ukoll biex jibdeu kawżi f'isimhom stess meta jinkisru d-drittijiet ta' ħafna persuni. Barra minn hekk, l-NGOs jistgħu jintervjenu fi proċedimenti miġjuba minn vittmi individwali jew NGOs oħra fil-kapaċità ta' persuna li għandha interess, u b'hekk jipprovdu aktar appoġġ espert u politiku għal litigazzjoni ta' interess pubbliku. Il-gruppi tad-drittijiet, kemm dawk domestiċi kif ukoll dawk internazzjonali, kienu ħerqana biex jittestjaw dawn il-possibiltajiet interessanti u ġodda ta' locus standi, billi jressqu każijiet ta' interess pubbliku quddiem il-qrati fil-kapaċità tagħhom proprio bħala rikorrenti kontra d-diskriminazzjoni. L-azzjoni legali li tressqet mill-Kumitat Bulgaru ta' Helsinki u l-Fondazzjoni Romani Baht, li fiha ċ-Ċentru Ewropew tad-Drittijiet tar-Roma intervjena bħala amicus curiae, diġà kienet suċċess.

Kemm hemm organizzazzjonijiet attivi f'dan il-qasam u f'liema oqsma? Kemm ser ikun hemm involuti f'dan il-proġett?

Fil-Bulgarija, madwar għaxar NGOs jagħmlu xogħol ta' kontra d-diskriminazzjoni, li jikkonisti f'sorveljanza, litigazzjoni u avukatura. Il-biċċa l-kbira huma gruppi tad-drittijiet tal-bniedem b'emfażi fuq ir-razza/l-etniċità. Xi wħud huma gruppi komunitarji, li jikkonċentraw fuq kawżali bħall-etniċità Romani, l-orjentazzjoni sesswali u d-diżabilità. Il-gruppi li għandhom x'jaqsmu mar-reliġjoni u l-età huma notevolment inqas attivi. Għaxar organizzazzjonijiet oħra imexxu kampanji esklussivament dwar l-eliminazzjoni tas-segregazzjoni fl-iskejjel għat-tfal Romani. Attivisti minn dawn l-NGOs kollha ser ikunu involuti fil-proġett.

Kemm tvarja l-kapaċità ta' l-NGOs fost it-13-il pajjiż tal-proġett?

L-NGOs huma l-aktar b'saħħithom fil-Bulgarija, l-Ungerija u l-Polonja, fejn jistgħu jiddependu fuq gruppi akbar ta' attivisti b'esperjenza, inklużi avukati ta' l-interess pubbliku. F'dawn it-tlett pajjiżi, l-NGOs kellhom aktar suċċess fil-lobbying, l-avukatura u l-litigazzjoni strateġika, kemm fuq livell domestiku u internazzjonali.

X'inhuma l-ħtiġijiet speċifiċi ta' l-NGOs fit-13-il pajjiż?

Il-maġġoranza ferm kbira tal-gruppi ta' l-għeruw u tal-komunità jeħtieġu taħriġ dwar standards u rimedji legali ta' kontra d-diskriminazzjoni. L-NGOs li huma aktar żviluppati u bbażati ċentralment jeħtieġu taħriġ għal dawk li jipprovdu t-taħriġ sabiex dawn ikunu jistgħu jittrasferixxu l-għarfien lill-gruppi tal-komunità u ta' l-għeruw. Dan jista' jgħin biex jiżviluppa r-rwol tal-gruppi aktar zġħar fil-katina ta' aċċess għall-ġustizzja – bħala ħolqa bejn il-vittmi u l-każijiet minn naħa waħda, u bejn l-konsulenza legali u l-viżibilità nazzjonali min-naħa l-oħra. Kemm il-gruppi zġħar lokali kif ukoll l-organizzazzjonijiet nazzjonali aktar żviluppati jeħtieġu appoġġ u finanzjament istituzz-

jonali biex jespandu l-isforzi tagħhom ta' litigazzjoni u avukatura – u biex jieħdu l-ħila li għandhom fir-rigward ta' l-anti-diskriminazzjoni fuq livell aktar għoli.

Huma kapaċi jieħdu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni l-ġdida?

Proporzjon tajjeb ta' l-NGOs l-aktar qodma u b'saħħithom bi storja ta' xogħol effettiv fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem huma armati tajjeb biżżejjed biex japplikaw ir-rimedji legali ġodda. Oħrajn, madanakollu, kif ukoll il-maġġoranza kbira tal-gruppi lokali u komunitarji jeħtieġu li jiġu mħarrġa, jew imħarrġa aktar. Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-għan, ikun għaqli jekk isir investiment biex titkabbar il-kapaċità ta' taħriġ ta' l-organizzazzjonijiet li huma aktar midħla ta' dan il-qasam sabiex dawn ikunu jistgħu jittrasferixxu l-għarfien tagħhom lill-gruppi lokali u komunitarji.

Dan il-proġett kif ser jgħin biex tin-bena l-kapaċità tagħhom?

Permezz ta' sponsorizzazzjoni ta' taħriġ għal dawk li jipprovdu t-taħriġ, segwit b'taħriġ għall-attivisti, dan il-proġett ser jgħin biex tinxtered kompetenza pratika għal porzjon sinifikanti tal-Komunità ta' l-NGOs. Dan jista' jgħin biex jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp tas-settur ta' interess pubbliku u biex jiġi applikat id-dritt għall-ugwaljanza. L-għadd finali ta' attivisti li għandhom jingħataw taħriġ – 50 persuna fil-Bulgarija – huwa sinifikanti, minħabba li madwar 10 NGOs biss huma attivi preżentament f'dan il-qasam (minbarra dawk li jiffukaw fuq ir-Roma fl-edukazzjoni). Dan ifisser illi t-taħriġ ippjanat huwa maħsub li jolqot lill-komunità kollha ta' attivisti ta' kontra d-diskriminazzjoni, u jista' jirdoppja l-kapaċità tagħha.

AKTAR TAGĦRIF JISTA' JINKISEB MIŻ- ŻEWĠT IMSIEĦBA TAL-PROĠETT:

Human European Consultancy:
www.humanconsultancy.com

Migration Policy Group:
www.migpolgroup.com



L-ATTURI TAL-UNION JAĊĊETTAW L-ISFIDA LEGALI

Jean-Luc Rageul huwa Segretarju Ġenerali tat-taqsimi dipartimentali ta' Pariġi tas-CFDT. Is-CFDT hija Konfederazzjoni Nazzjonali ta' Unions li tirrappreżenta impjegati minn diversi oqsma u snajja tas-settur pubbliku u dak privat fuq livelli ġeografiċi differenti: nazzjonali, reġjonali, dipartimentali u lokali.

It-taqsimi dipartimentali ta' Pariġi tal-Konfederazzjoni Demokratika tax-Xogħol fi Franza (CFDT) għandha impenn li ilu żmien twil lejn l-ugwaljanza u biex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni. Sa mis-snin 70, aħna ġġielidna għal drittijiet identiċi għall-ħaddiema kollha kemm jekk huma ta' oriġini Franċiża jew bar-ranija. Fis-snin 80 aħna iffukajna fuq il-promozzjoni tar-regularizzazzjoni ta' ħaddiema barranin mingħajr dokumenti, u fis-snin 90, implimentajna programm ta' ħolqien ta' kuxjenza u ta' azzjoni bl-isem "Favur l-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni".

Iżda minkejja dawn l-attivitajiet ta' ħolqien ta' kuxjenza, id-diskriminazzjoni razzjali għadha preżenti f'ħafna prassi ta' ġestjoni u l-atturi tat-trade unions m'humieq attrezzati sew biex jindirizzawha. Sabiex l-atturi jingħataw is-setgħa li jużaw il-liġi ta' kontra d-diskriminazzjoni fil-prattika tagħhom ta' trade unions, aħna għamilna t-taħriġ fl-azzjoni legali bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħna.

FORMA STRUTTURATA TA' TAĤRIĠ

Fl-2004, varajna ċiklu ta' seminars ta' taħriġ flimkien mal-konsulenti Astrolabe Conseil u l-GELD (Groupe d'Etude et de Lutte contre les Discriminations). Is-seminars kienu mmirati lejn l-atturi ewlenin tat-trade unions: imħallfin eletti fil-qasam tax-xogħol, atturi legali tat-trade unions u rappreżentanti tal-unions fuq il-post tax-xogħol.

Is-seminars wasslu għal modulu ta' taħriġ ippruvat u ttestjat li jkopri l-elementi ewlenin li ġejjin:

- L-oriġini tal-kunċett ta' diskriminazzjoni;
- Is-sisien tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

- Il-liġi Ewropea u dik tal-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam mad-diskriminazzjoni;
- Analiżi profonda tad-direttivi ta' l-UE 2000/43 u 2000/78;
- Il-kunċett tad-diskriminazzjoni b'mod distint minn dak ta' l-ugwaljanza, kristallizzat fil-liġi kostituzzjonali u amministrattiva tradizzjonali ta' Franza;
- L-impatt tas-sistema legali Ewropea, kif ġiet trasposta fil-liġi Franċiża, fuq is-sistema legali ta' ugwaljanza u l-prattika ta' l-atturi ġudizzjali;
- Ġbir ta' provi ta' diskriminazzjoni.

INBIDDLU D-DRAWWIET TA' L-ATTURI LEGALI

Sar ovvju li l-atturi tat-trade unions għandhom bżonn ibiddlu b'mod radikali l-metodu tagħhom ta' analiżi ta' sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni u t-tnejjija ta' każijiet legali taħt il-liġijiet il-ġodda. B'mod partikolari, is-sistema ġudizzjali Franċiża f'it għandha esperjenza dwar ir-regoli l-ġodda tal-provi u kif inqalbet l-onus probabandi. Riżultat ewleni tat-taħriġ għaldaqstant kien strument prattiku metodoloġiku li huwa mmirat biex jgħin lill-konsulenti legali, l-imħallfin tal-qrati industrijali u l-atturi istituzzjonali biex jiġbru l-provi. Dan jindika l-mistoqsijiet li għandhom isiru lill-vittma, il-possibiltajiet strateġiċi li għandhom jiġu meqjusa, u d-dokumenti li għandhom jinġabru f'kull stadju tal-proċedura – mill-ewwel appuntament ma' l-impjegat sal-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni mill-qorti industrijali.

Is-seminars ikkonfermaw ukoll l-importanza tal-ħidma mill-qrib ma' atturi barra l-moviment trejdunjonistiku, bħal maġistrati, spetturi tax-xogħol u s-servizzi pubbliċi ta' impjeg.

FI-2005, is-CFDT ta' Pariġi qed jipproponi illi l-imħallfin tal-qrati industrijali kollha u r-rappreżentanti ta' trade unions kollha li jaqgħu taħtu jieħdu sehem f'dan iċ-ċiklu ta' taħriġ. B'dan il-mod, nittamaw li huma jsiru familjari mar-regoli ta' provi l-ġodda u nhegġghom jieħdu attitudni kostruttiva fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF:

GELD: www.le114.fr

CFDT: www.cfdt.fr

TRATTAMENT UGWALI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL U AĊĊESS GĦALL-AKKOMODAZZJONI FI DJAR



Il-proġett transnazzjonali 'Casadis', iffinanzjat taħt il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni, jgħaqqad lit-trade unions u l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ minn erba' pajjiżi – Franza, il-Belġju, l-Italja u r-Rumanija. L-għan tagħom huwa li jħarrġu u jagħtu appoġġ lill-atturi tat-trade unions biex jieħdu azzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol jew fl-aċċess għal akkomodazzjoni fi djar. L-udjenza speċifika li qed tiġi mmirata tvarja skond il-ħtiġijiet ta' kull pajjiż, iżda tinkludi uffiċjali tat-trade unions eletti mill-ħaddiema u rappreżentanti oħrajn tal-ħaddiema, speċjalisti dwar il-liġi industrijali fi trade unions u imħallfin

lajċi li jirrapreżentaw ħaddiema jew trade unions fil-qrati industrijali.

L-għan tat-taħriġ huwa li joħloq kuxjenza fost il-parteciċipanti dwar id-diskriminazzjoni għal raġunijiet differenti: età, diżabbiltà, saħħa, razza jew reliġjon. Ser jesplora xi protezzjoni legali hemm disponibbli fuq livell nazzjonali u Ewropew, u ser jipprovdi 'ġabra ta' għodda' realistika li l-parteciċipanti jistgħu japplikaw fix-xogħol ta' kuljum sabiex jipromwovu l-opportunitajiet ugwali u d-diversità.

Casadis għandu wkoll l-għan li jiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza bejn il-pajjiżi msieħba differenti, biex jipprovwu l-prattika tajba u jiżgura li r-riżultati jixxandru sew.

Il-proġett huwa kkoordinat minn Émergences u jinvolvi dawn l-imsieħba:

La Confédération Générale du Travail (CGT) – Franza;

Form'action André Renard - Belġju – korp ta' taħriġ għat-trade union Fédération Générale du Travail de Belgique (FGTB);

Agenzia Formazione Lavoro (AGFOL) – Italja;

Confederatia nationala a sindicatelor libere din romania Fratia (CNSLR) – Rumanija.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF ARA:

www.casadis.org



AVUKATI TALJANI JITGĦALLMU DWAR IL-POTERI LEGALI ĠODDA TA' KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI

Paola Accardo hija mħallef u esperta dwar il-liġi Komunitarja fi ħdan il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura ta' l-Italja (CSM). Is-CSM huwa korp uffiċjali li jggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza tal-ġudikatura. Minbarra hekk jorganizza u jikkontrolla t-taħriġ professjonali għal dawk li jkunu qed jitħarrġu biex isiru imħallfin u prosekuturi u joffri taħriġ kontinwu għall-avukati Prattikanti.

Il-gvern Taljan ħareġ żewġ digrieti leġiżlattivi f'Luġju 2003, li jittrasponu d-Direttivi ta' l-UE dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez u fl-Impjeg. Iżda l-infurzar tal-liġi jeħtieġ illi l-avukati jkunu familjari mat-testi u l-poteri legali li dawn joffru.

TAĦRIĠ IMMIRAT DWAR IN-NUQQAS TA' DISKRIMINAZZJONI

Permezz ta' fondi li ngħataw taħt l-attivitaet nazzjonali ta' ħolqien ta' kuxjenza tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni, il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura (Consiglio Superiore della Maġistratura - CSM) żviluppa programm ta' taħriġ għall-avukati f'Ruma u fi tmien postijiet oħrajn.

It-taħriġ dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni beda b'seminar maqsum fuq tlett ijiem f'April 2004. Il-programm ibbaża ħafna fuq l-esperjenza pożittiva tat-taħriġ organizzat permezz ta' l-Akkademija tal-Liġi Ewropea (ERA). L-imħallfin u l-professjonisti legali, ġuristi u esperti ġew mistiedna biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, li ħoloq diskussjonijiet profondi dwar id-Direttivi ta' l-UE u l-liġi nazzjonali.

L-implikazzjoni tal-'klawsola ta' kontra r-rigress' tad-Direttivi ġibdet ħafna attenzjoni fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni Taljana. Sa mill-1999, l-Italja kellha grad għoli ta' protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni minħabba d-diżabilità u teħtieġ li dawk li jħaddmu jieħdu diversi miżuri pożittivi biex jirreklutaw u jimpegaw persuni b'diżabilitajiet. Skond il-klawsola ta' kontra r-rigress, l-applikazzjoni tad-Direttiva ta' Impjeg Ugwali ma tistax iddghajef dawn id-dispożizzjonijiet.

Każijiet ta' diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali u l-età issa qed jitfaċċaw fl-Italja, u għad hemm inċertezzi dwar l-applikazzjoni Prattika tad-Direttiva dwar l-Impjeg Ugwali. Meta, per eżempju, hija aċċettabbli l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet minħabba

l-età minn dawk li jħaddmu billi tkun rekwiżit ġenwin tax-xogħol u meta għandhom ikunu projbiti? Il-koo-perazzjoni bejn trade unions u dawk li jħaddmu hija kritika biex jiġi żgurat illi ma jkunx hemm abbuż mir-restrizzjonijiet minħabba l-età fuq il-post tax-xogħol.

Il-potenzjal ta' parzjalità fis-sistema ġudizzjali minħabba preġudizzji subkonxji ġie diskuss ukoll. Wieħed mill-kelliema ta' l-eżempju ta' imħallef li ta sentenza aktar severa lil imputat minħabba li fehem ħażin it-tendenza ta' l-imputat li jbaxxi rasu bħala sinjal ta' diżrispett. Fil-fatt dan huwa sinjal ta' reverenza fil-kultura ta' l-imputat. F'dan il-kuntest, il-parteċipant mill-Bord ta' Studji Legali (JSB) ġibed l-attenzjoni għall-'Equal Treatment Bench Book' (Manwal għall-Ġudikatura ta' Trattament Ugwali). Dan il-ktieb ta' gwida, li ġie prodott mill-JSB, għandu l-għan li jgħin lill-imħallfin jitrattaw każijiet individwali bl-akbar ekwità u sensitività.

STRATEĠIJA REĠJONALI

Is-seminar ta' Ruma ġie segwit minn seminars reġjonali fl-Italja kollha, sabiex tintlaħaq firxa usa' ta' imħallfin u prosekuturi. Għalkemm iqsar mis-seminar ta' Ruma, dawn l-avvenimenti ippermettew it-trasferiment ta' informazzjoni essenzjali dwar l-applikazzjoni taż-żewġ direttivi fil-liġi statutorja.

Ġiet imqassma informazzjoni wkoll permezz ta' mezz oħrajn, inkluża l-pubblikazzjoni ta' CD-Rom u l-preżentazzjoni tas-seminars fuq il-website tas-CSM.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF ARA:

www.csm.it
(Link ma' Incontri di Studio nru.1346).
Għal kopji ta' l-Equal Treatment Bench Book maħruġ mill-JSB ara: www.jsboard.co.uk

TEĦID TA' AZZJONI DAĦLA

Wieħed mill-mezzi l-aktar importanti ta' kif jiġu penalizzati l-atti jew l-imġieba diskriminatorji huwa li tittieħed azzjoni legali. Il-persuna li d-drittijiet tagħha jkunu nkisru tista' tiddeċiedi li tiegħu azzjoni weħidha, jew tista' tiġi assistita minn NGO, trade union jew korp indipendenti ta' ugwajanza nazzjonali. F'xi każijiet, hija tista' titlob li wieħed minn dawn l-atturi jieħdu azzjoni legali f'isimhom.

IL-KAŻIJET LEGALI GĦANDU JKOLLHOM IMPATT IKBAR FUQ IS-SOĊJETÀ

Id-deċiżjoni li tittieħed azzjoni legali f'isem il-vittmi tad-diskriminazzjoni hija importanti, mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam mat-talba għal rimedju għall-ksur tad-drittijiet ta' l-individwu. Il-każijiet jista' jkollhom effett indirett fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi aktar wiesgħa fis-soċjetà. Il-ħtieġa li jintgħażlu l-każijiet b'mod strateġiku sabiex ikollhom impatt massimu hija ddikjarata b'mod ċar fl-artikli minn INTERRIGHTS (p. 22) u l-Awtorità ta' l-Ugwajanza Irlandiża (p. 26). L-eżempji ta' każijiet miċ-Ċentru Ewropew tad-Drittijiet tar-Roma (p. 23) juru b'mod utli kif l-azzjoni legali tista' twassal għal sentenzi li joħolqu preċedent fl-oqsma tad-diskriminazzjoni fir-rigward ta' prodotti u servizzi u l-impjeg.

Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-korp nazzjonali ta' l-ugwajanza (NEB), kif definit fid-Direttiva ta' l-Ugwajanza bejn ir-Razez, huwa li jipprovdu "assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni biex imexxu l-ilmenti tagħhom dwar id-diskriminazzjoni." Għal xi NEBs, il-poteri tagħhom imorru lil hinn milli sempliċement joffru pariri u joffru ukoll appoġġ fi proċedimenti legali f'isem dawk li jkunu qed jagħmlu l-ilment. Fil-Belġju, per eżempju, il-korp ta' ugwajanza jippreferi jirriżolvi l-ilmenti permezz ta' konċiljazzjoni jew medjazzjoni, iżda jikkunsidra li, bħala l-aħħar rimedju, jista' jkun neċessarju li jappoġġja azzjoni legali (ara p. 25).

HUWA KWAŻI IMPOSSIBBLI LI TIEĦU AZZJONI LEGALI WAĦDEK

Xi Stati Membri oħrajn ma estendewx dawn il-poteri lill-NEB. Per eżempju fid-Danimarka, il-Kumitat ta' Ilmenti għat-Trattament Etniku Ugwali jista', inter alia, jisma' ilmenti individwali dwar id-diskriminazzjoni u jista' jirrakkomanda li vittma tirċievi assistenza legali b'xejn jekk il-pretensjoni tagħha tkun sostanzjata. Madanakollu, il-vittma trid tressaq il-każ quddiem il-qorti hi stess, billi l-Kumitat ma jistax jiftaħ kawża f'isimhom. L-NGOs jistgħu jassistu lill-vittmi jieħdu każ quddiem il-qorti, iżda bħala regola ġenerali ma' jifftux każijiet f'isem il-vittma lanqas.

Għalkemm id-Danimarka kellha leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba r-razza u fuq il-post tax-xogħol għal bosta snin (1971 u 1996 rispettivament), ffit każijiet biss fil-fatt tressqu quddiem il-qorti. Ir-raġuni hi li ffit nies jipproċedu b'każ individwalment. Il-piż mentali u l-ispejjeż finanzjarji involuti, u l-problemi biex tiġi ppruvata d-diskriminazzjoni allegata, tagħmilha kważi impossibbli.

L-appoġġ għal azzjoni legali huwa għaldaqstant fattur kritiku fit-titjib tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Huwa importanti li l-Istati Membri jsaħħu r-rwol ta' l-NGOs u l-NEBs biex jiżguraw li l-leġislazzjoni eżistenti tista' tintuża b'mod effettiv.

Bjørn Dilou Jacobsen huwa uffiċjal legali fi ħdan il-Kumitat ta' Ilmenti tad-Danimarka għat-Trattament Etniku Ugwali fi ħdan l-Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem. Qed jagħmel ukoll riċerka dwar il-mod kif il-korpi Ewropej nazzjonali ta' l-ugwajanza qed iħaddmu l-liġijiet nazzjonali ta' kontra d-diskriminazzjoni bbażati fuq id-Direttiva ta' Ugwajanza bejn ir-Razez.



STRATEGĠI TA' LITIGAZZJONI: IR-RWOL TA' L-NGOs

Kevin Kitching huwa uffiċjal legali għall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u dik li kienet l-Unjoni Sovjetika fi ħdan INTERIGHTS f'Londra. Huwa jgħin lill-avukati, il-vittmi u l-NGOs iħejju każijiet quddiem tribunali nazzjonali u internazzjonali u jissottometti interventi ta' partijiet terzi f'każijiet li joħolqu kwistjonijiet dwar kif għandhom jiġu interpretati d-drittijiet tal-bniedem. Huwa jagħti taħriġ dwar il-liġi internazzjonali u kumparattiva tad-drittijiet tal-bniedem u jipprovdi riżorsi dwar żviluppi legali ewlenin.



Il-litigazzjoni tpoġġi l-prinċipji legali fil-prattika

Id-Direttivi ta' kontra d-diskriminazzjoni jimmiraw li jilħqu livell għoli ta' protezzjoni li għandu potenzjal kbir li iġib 'il quddiem id-drittijiet tal-vittmi tad-diskriminazzjoni fl-Ewropa kollha. Iżda biex id-drittijiet tal-vittmi tad-diskriminazzjoni jiġu protetti b'mod effettiv, id-dispożizzjonijiet rivoluzzjonarji tagħhom iridu jintisġu fis-sistemi legali domestiċi tagħhom. Il-litigazzjoni hija strumentali biex tiżgura illi l-prinċipji kkristallizzati fid-Direttivi jiġu garantiti mhux biss fuq il-karta iżda wkoll fil-prattika.

IL-KAŻIJET IRIDU JINTGĦAŻLU GĦAL IMPATT MASSIMU

L-NGOs, bħal INTERIGHTS u oħrajn, ilhom involuti għal ħafna snin f'litigazzjoni ta' każijiet sperimentali quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u korpi internazzjonali oħrajn. Din ix-xorta ta' litigazzjoni spiss kisbet impatt kbir fuq is-sistemi domestiċi – billi iffaċilitat il-bidla permezz tad-dokumentazzjoni ta' abbużi mill-Istati, tagħti saħħa lill-gruppi vulnerabbli, teduka lill-professionisti legali u lil dawk li

jfasslu l-politika u tipprovdi gwida dwar l-aħjar Prattika. Mingħajr dubju, id-Direttivi ser ikollhom impatt profund fuq is-sistemi legali domestiċi. Iżda l-NGOs kif ukoll l-avukati jridu jaħtfu din l-opportunità biex jagħżlu u jżviluppaw il-każijiet b'mod selettiv li jwasal għall-akbar progress fil-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

Huwa billi jieħdu perspettiva 'strateġika' tal-litigazzjoni li l-NGOs jistgħu jagħtu l-ikbar kontribut għall-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttivi:

- L-NGOs spiss jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jeqilbu l-ħtiġijiet tal-komunitajiet vulnerabbli f'litigazzjoni ta' suċċess. Il-ħidma tagħhom ma' gruppi żvantaġġati tista' tiffa' dawl fuq nuqqasijiet fil-liġi, nuqqas ta' infurzar jew nuqqas ta' konformità ma' l-istandards ta' l-UE. L-NGOs jistgħu jieħdu l-inizzjattiva fl-għażla ta' każijiet li aktarx ikollhom impatt massimu.
- L-NGOs jistgħu jassistu biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja. Id-Direttivi huma ddisinjati biex jiproteġu gruppi vulnerabbli kontra d-diskriminazzjoni. Dawk il-gruppi spiss ikunu fl-agħar pożizzjoni biex ifittxu l-ġustizzja permezz ta' mezzi konvenzjonali.
- L-NGOs jista' jkollhom rwol ewleni billi jikkontribwixxu għall-introduzzjoni ta' argumenti progressivi u raġunati bbażati fuq il-liġi internazzjonali jew kumparattiva permezz ta' interventi ta' partijiet terzi, pariri u rappreżentanza diretta. Argumenti bbażati fuq il-prinċipji rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem u l-aħjar Prattika imnaxew kemm quddiem it-tribunali domestiċi kif ukoll dawk internazzjonali. Permezz ta' l-argumen-

tazzjoni ta' każijiet fuq diversi kawżali u l-enfasizzar ta' kawżali multipli, l-NGOs jistgħu jgħibu 'l quddiem l-“illivellar” 'il fuq ta' protezzjonijiet sabiex b'hekk jiġi evitat li jiddgħajfu l-istandards eżistenti. Każijiet fejn issir argumentazzjoni strateġika jistgħu jimmanipulaw il-poter tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għal effett massimu għewwa l-Unjoni kollha.

- L-NGOs jista' jkollhom rwol ewlieni fil-ġestjoni ta' l-istrateġija tal-każ kemm fir-rigward ta' kwistjonijiet sostantivi kif ukoll dawk aktar proċedurali, bħall-għażla tal-forum. Jistgħu ikunu flessibbli fir-rigward tal-forma ta' involviment tagħhom f'każijiet u jaħdmu kemm direttament mal-klijenti kif ukoll ma' l-imsieħba lokali. L-esperjenza ta' ħidma kollaborattiva ma' NGOs oħrajn, avukati u korpi speċjalizzati tista' tkun imprezzabbli fl-appoġġ lix-xogħol ta' litigazzjoni.

IL-ĠRANET BIKRIN HUMA L-AKTAR IEBSIN

L-istorja ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess ta' l-UE wriet li l-ġranet bikrin ta' l-implimentazzjoni tad-direttivi ta' l-UE huma l-aktar diffiċli. L-NGOs jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jassistu sabiex jiżguraw illi r-rimedji disponibbli għall-vittmi tad-diskriminazzjoni fl-Istati Membri jkunu, hekk kif jeħtieġu d-Direttivi, “effettivi, proporzjonati u dissważivi.”

GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI ARA:

www.interrights.org

IL-QRATI BULGARI JAĠIXXU BIEX JIKKUMBATTU D-DISKRIMINAZZJONI KONTRA R-ROMA

Dimitrina Petrova hija d-Direttriċi Eżekuttiva ta' Ċentru Ewropew tad-Drittijiet tar-Roma. Hija kienet presidenta tal-Projeġt tad-Drittijiet tal-Bniedem (Sofja), grupp Bulgaru li jiddefendi d-drittijiet tar-Roma, Membru Parlamentari, u professoressa tal-Filosofija tad-Dritt u korsijiet oħrajn fil-Bulgarija u f'pajjiżi oħrajn.



Minn meta l-leġislazzjoni l-ġdida tal-Bulgarija ta' kontra d-diskriminazzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Janar 2004, iċ-Ċentru Ewropew tad-Drittijiet tar-Roma (ERRC) u l-organizzazzjonijiet imsieħba ppreżentaw għadd ta' azzjonijiet ċivili li jallegaw diskriminazzjoni kontra r-Roma. Għalkemm kważi lanqas għadha għaddiet sena minn meta l-liġi daħlet fis-seħħ, din

diġà wasslet għal ħames sentenzi mill-qrati Bulgari li joħolqu preċedent.

ACCÈSS GĦAL SERVIZZI

Fl-ewwel każ, il-Qorti tad-Distrett ta' Sofja iddeċidiet



L-azzonijiet ċivili ġabu sentenzi li joħolqu preċedent dwar id-drittijiet tar-Roma

illi mara Romani li ma tħallietx tidħol f'ħanut tal-ħwejjeġ kienet sofriet diskriminazzjoni fl-aċċess għal servizzi, unikament fuq il-bażi tar-razza tagħha. Il-ħanut in kwestjoni irrifjuta li jaqdi lill-mara u keċċieha 'il barra. Barra minn hekk, il-ħaddiema tal-kumpanija heddewha bi vjolenza u abbuż verbali dwar l-orijini Romani tagħha. Il-Qorti dehrilha illi din l-imġieba tammonta għal diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-orijini etnika tagħha u għaldaqstant kien hemm ksur tal-liġi tal-Bulgarija.

F'każ ieħor, il-Qorti iddeċidiet favur raġel li sofra diskriminazzjoni mill-fornitur lokali ta' l-elettriku. L-attur, li huwa ta' orijini Romani, ma ngħatax aċċess għan-netwerk ta' l-enerġija minħabba li ma qabilx li l-kumpanija tpoġġi l-arloġġ tad-dawl tiegħu fuq arblu għoli disa' metri. Il-ġustifikazzjoni tal-kumpanija għal dawn il-miżuri kienet illi dan kien l-uniku mod kif tevita illi "l-komunità Roma ma' tqabbadx b'mod illegali mal-provvista ta' l-elettriku". Il-fornitur ta' servizzi ma tax każ tal-fatt illi r-raġel kien iħallas regolarment, qatt ma kien ipprova jqabbad illegalment mal-provvista ta' l-elettriku, u ma kienx ser ikun jista' jara l-konsum ta' l-elettriku tiegħu minħabba t-tqegħid f'post mhux tas-soltu ta' l-arloġġ tad-dawl. Il-Qorti ordnat illi l-kumpanija tipprovdilu aċċess adegwat għal u kontroll ta' l-arloġġ tad-dawl – u li twaqqaf dan it-tip ta' aġir fil-futur.

Każ separat iżda simili wassal għat-tieni deċiżjoni kontra l-fornitur ta' elettriku. F'dan il-każ, sitt residenti ta' distrett Romani f'Sofja kienu ġew miċħuda arloġġi tad-dawl regolari. Il-kumpanija ġiet ordnata biex tressaq l-arloġġi u tħallas kumpens lill-atturi.

DISKRIMINAZZJONI FL-IMPJIEG

Ir-raba' każ taħt il-liġi l-ġdida kellu x'jaqsam ma' l-impjieg. Il-Qorti tad-Distrett ta' Sofja dehrilha li kumpanija kienet ipprattikat politika ta' reklutaġġ diskriminatorja wara li raġel Romani ġie miċħud intervista għal xogħol minħabba l-orijini etnika tiegħu. Ir-raġel kien ġie offrut intervista mill-kumpanija, produttriċi u distributriċi ta' l-ikel, iżda din l-offerta ġiet irtirata meta huwa kixef l-orijini etnika tiegħu. Il-Qorti tat kumpens lir-raġel u ordnat lill-kumpanija intimata biex twaqqaf dawn il-prattiċi ta' reklutaġġ fil-futur.

Fl-aħħar, il-kumpanija statali ta' l-elettriku reġgħet instabet haġta ta' diskriminazzjoni meta hija ċaħdet aċċess għan-netwerk lil klijenti li kienu jħallsu l-kontijiet wara li nqata' d-dawl f'viċinanza Romani ta' Sofia. Il-fornitur irrifjuta li jsewwi n-netwerk għal aktar minn xahrejn wara li ġrat il-ħsara, billi kien qed jallega illi haġna mill-konsumaturi milquta kellhom djun mhux imħallsa. Iżda 30 familja Romani li ma kellhom ebda kontijiet pendenti ġew miċħuda wkoll it-tiswija tal-provvista ta' l-elettriku tagħhom. Il-Qorti qablet illi l-azzjonijiet tal-kumpanija kienu diskriminatorji billi dawn ġew imposti fuq residenti ta' viċinanza Romani u ma kienu ntużaw imkien ieħor.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF ARA:

www.errc.org

IL-ĠLIEDA KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI FIL-BELĠJU

Eliane Deproost hija deputat direttici fiċ-“Ċentru għal opportunitajiet ugwali u oppożizzjoni għar-razziżmu” (CECLR) – il-korp pubbliku awtonomu responsabbli biex jiggarantixxi trattament ugwali għaċ-ċittadini kollha fil-Belġju.

RESPONSABBILTAJIET ĠODDA

Il-liġi Federali tal-25 ta' Frar 2003 hija l-istrument l-aktar importanti li jimplimenta ż-żewġ Direttivi fil-Belġju. Dan jagħti responsabbiltajiet ġodda liċ-“Ċentru għal opportunitajiet ugwali u oppożizzjoni għar-razziżmu” (CECLR) – stabbilit taħt l-Att tal-15 ta' Frar 1993 – li jippermettilu jagħti pariri, appoġġ, u jekk ikun meħtieġ jieħu azzjoni legali f'isem il-vittmi tad-diskriminazzjoni. Il-liġi tipprojbixxi trattament differenti mingħajr objettiv u ġustifikazzjoni raġonevoli.


Il-liġi tipprojbixxi d-diskriminazzjoni f'bosta oqsma tal-ħajja pubblika, mhux biss fir-rigward ta' l-impjieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, iżda wkoll fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-parteċipazzjoni fl-isport u attivitajiet soċjali jew kulturali, fost oħrajn.

Il-mezzi preferuti tas-CECLR biex tirrisolvi l-ilmenti huma l-konċiljazzjoni u/jew il-medjazzjoni. Madanakollu, bħala l-aħħar rimedju ċ-Ċentru jappoġġja azzjoni legali. Bħalissa hemm ħames każijiet li jinsabu quddiem it-tribunali. Kollha għad iridu jiġu solvuti.

BIDLA FL-IMĠIEBA PERMEZZ TA' L-APPLIKAZZJONI TAL-LIĠI

Bħala eżempju, tnejn mill-każijiet li jinsabu għaddejjin huma deskritti hawn isfel. L-ewwel wieħed jirreferi għal kaħda li tinkera proprjetà lil koppja omosesswali.

- Is-Sur X jgħix mas-Sur Y. Meta l-karriera tas-Sur Y teħtieġ li huma jmorru jgħixu x'imkien ieħor, jibdew ifittxu akkomodazzjoni b'kiri minn fuq website tal-proprjetà. Il-koppja jagħżlu dar u wara li jmorru jarawha darba u jiffirmaw impenn ta' kiri, is-sensar jinfurmahom illi s-sidien irrifjutaw li jikrullhom il-proprjetà. Is-sidien jixtiequ jikru



F'każ minnhom, mara b'kelb ta' gwida ġiet miċħuda aċċess għal restorant

l-proprjetà tagħhom lil koppja “tradizzjonali”. Is-CECLR ippreżentat ilment kontra s-sidien u s-sensara.

It-tieni każ jirreferi għal persuna li tbat biex tara li ma tħallietx tidħol f'restorant bil-kelb ta' gwida tagħha.

- Is-Sin. Z. tbat biex tara u hija akkumpanjata minn kelb ta' gwida. Hija tmur ma' xi ħbieb f'ristorant għall-ikel, iżda kif tidħol ġewwa l-istabbiliment, iwaqqafha l-wejter. Hija ma titħallix tidħol minħabba li l-klieb m'humiex permessi. Is-CECLR ippreżenta ilment kontra r-ristorant.

Minnflok ma' tkun ripressiva, il-liġi toffri opportunità ġenwina biex jinbidlu l-attitudnijiet fis-soċjetà u biex tiġi miġġielda l-imġieba diskriminatorja.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF ARA:

Ċentru għal opportunitajiet ugwali u oppożizzjoni għar-razziżmu (CECLR):
www.diversite.be



STRATEĠIJA INTEGRATA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-LEĠISLAZZJONI DWAR L-UGWALJANZA

Niall Crowley huwa kap eżekuttiv ta' l-Awtorità dwar l-Ugwaljanza. Dan il-korp indipendenti ġie mwaqqaf biex iġib 'il quddiem u jiddefendi d-drittijiet stabbiliti bil-leġislazzjoni ta' l-Irlanda dwar l-ugwaljanza.

Aderonke Razaq tkeċċiet minn Campbell Catering, li magħhom kienet taħdem, allegatament talli serqet tlett bananiet. F'każ li kellu l-appoġġ ta' l-Awtorità dwar l-Ugwaljanza, il-Qorti Industrijali iddeċidiet illi d-deċiżjoni ta' tkeċċija kienet diskriminatorja fuq il-bażi ta' razza, li hija ma serqitx il-bananiet u ma setgħetx tiġi raġonevolment akkużata li għamlet hekk. Il-każ stabbilixxa preċedent ġdid hekk kif il-Qorti identifikat dover pożittiv ta' min iħaddem li jikkunsidra l-implikazzjonijiet prattiċi tad-diversità kulturali u lingwistika fit-tfassil u l-iżvilupp tal-proċeduri dixxiplinarji tiegħu. Dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom japplikaw għal-linji politiċi u l-proċeduri kollha ta' fuq il-post tax-xogħol.

MANDAT WIESGĦA TA' AZZJONI

Dan il-każ sar taħt l-Att dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeg ta' l-Irlanda, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol fuq disa' kaważli: is-sess, l-istat matrimonjali, l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-istat familjari, ir-razza, ir-reliġjon u l-isħubija f'komunità ta' vjaġġaturi. L-Att waqqaf l-Awtorità għall-Ugwaljanza b'mandat wiesgħa biex jipromwovi l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet u biex jiġġieled kontra d-diskriminazzjoni f'dawn id-disa' oqsma. Waqqaf ukoll Tribunal għall-Ugwaljanza bħala l-korp kważi-ġudizzjarju biex jimmedja jew jinvestiga, jisma' u jiddeċiedi dwar pretenzjonijiet taħt il-leġislazzjoni. Il-mandat taż-żewġ


korpi ġie estiż mill-Att dwar l-Istatus Ugwali, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-provvista ta' prodotti u servizzi, akkomodazzjoni u stabbilimenti edukattivi.

Każ ieħor li kellu l-appoġġ ta' l-Awtorità għall-Ugwaljanza li kien fl-aħbarijiet nazzjonali kellu x'jaqsam mal-provvista ta' assigurazzjoni. Jim Ross kellu 76 sena u seba' snin no-claims bonus fuq l-assigurazzjoni tal-karrozza tiegħu. Iżda r-Royal and Sun Alliance irrifjutat li tagħtih stima ta' assigurazzjoni minħabba li kellu aktar minn 70 sena. It-Tribunal għall-Ugwaljanza iddeċieda favurih – iċ-ċaħda ta' stima fuq l-unika bażi ta' l-età tiegħu mingħajr ma ġew ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu ma kinitx aċċettabbli.


FAFNA VJAĠĠGATURI GĦADHOM JIĠU MIĊĦUDA ACCCESS GĦAL PRODOTTI U SERVIZZI

Kollox ma' kollox, il-każijiet kontra ħwienet tax-xorb kienu l-akbar qasam ta' każijiet taħt l-Att dwar l-Istatus Ugwali, segwiti b'dawk kontra skejjel u stabbilimenti edukattivi. Każijiet kontra dipartimenti u aġenziji tal-gvern kienu prominenti wkoll. Il-proċessi tal-każijiet preżenti ta' l-Awtorità juru li l-kawżali tal-Vjaġġatur bħala l-akbar (33% tal-każijiet) segwit bid-diżabilità (25%) u r-razza (12%).

Attività ta' xogħol ta' każijiet taħt l-Att ta' Ugwaljanza fl-Impjeg fl-2003



Attività ta' xogħol ta' każijiet taħt l-Att Dwar l-Istatus Ugwali fl-2003



Il-każijiet dwar l-orientazzjoni sesswali taħt iż-żewġ Atti għadhom baxxi. Fi ftehim importanti li nvolva lill-Awtorità għall-Ugwaljanza, id-Dipartiment għall-Affarijiet Soċjali u tal-Familja ammetta illi ċ-ċaħda tiegħu li jipprovdi pass ta' l-ivjaġġar b'xejn lis-sieħeb ta' raġel anzjan omo sesswali kienet diskriminatorja taħt l-Att dwar l-Istatus Ugwali – billi kemm-il darba kienet provdjet pass simili ta' din ix-xorta lil sieħba eterosesswali li jgħixu flimkien. Dan l-iżvilupp importanti fir-rikonnoxximent tad-drittijiet tas-sħubijiet omo sesswali u lesbiċi reġa' ħa pass lura, madanakollu, meta d-Dipartiment daħħal leġislazzjoni li tippermetti li jissokta dan it-tip ta' diskriminazzjoni.

Ix-xejriet li joħorġu mill-każijiet preżenti taħt l-Att dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeg huma differenti. Il-kawżali dominanti hawnhekk hija r-razza, li tammonta għal 44% tal-proċessi. Is-sess jammonta għal 18.5%, id-diżabilità 11% u l-età 9%. Il-kwistjonijiet ewlenin miġjuba 'l quddiem huma relatati mad-diskriminazzjoni fil-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-impjeg, it-tkeċċija u l-fastidju (sesswali).

IL-KAŻIJET GĦANDU JKOLLHOM EFFETTI FUQ KAŻIJET OĦRAJN

L-Awtorità għall-Ugwaljanza tipprovdi pariri u rappreżentazzjoni legali f'każijiet ta' importanza strateġika, li jkollhom effetti li jmorru lil hinn mill-individwu li jkun qed iressaq l-ilment. Fil-fatt, kienet ħerqana biex tippromwovi sorsi eżistenti kif ukoll ġodda ta' appoġġ għal rikorrenti li jiffu każijiet taħt il-leġislazzjoni. L-avukatura mit-trade unions għandha tradizzjoni twila, waqt li l-azzjoni minn gruppi ta' komunitajiet lokali qed tiżviluppa wkoll. Huma meħtieġa riżorsi ġodda sabiex dawn ir-rwoli jkunu jistgħu jiżviluppaw b'mod sħiħ.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF ARA:

www.equality.ie

SANZJONIJIET U RIMEDJI: X'INHUMA L-LIMITI MASSIMI?

Skond id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez u fl-Impjeg, is-sanzjonijiet applikati f'każijiet ta' ksur ta' drittijiet iridu jkunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi" (Artikoli 15 u 17 rispettivament). Iżda dan xi jfisser u x'inhuma l-implikazzjonijiet għall-Istati Membri li huma meħtieġa jstabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet?

Biex tiġi ċċarata l-kwistjoni, in-netwerk Ewropea ta' esperti legali Ewropej, bl-appoġġ tal- Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-Diskriminazzjoni, ġiet ikkummissjonata biex twettaq studju dwar sanzjonijiet u rimedji nazzjonali. Enfasi speċjali qed tingħata lill-kwistjoni tal-limiti massimi ta' kumpens għall-vittmi ta' diskriminazzjoni. L-istudju ser iħares lejn kif ġie żviluppat id-dritt għal rimedju effettiv taħt il-liġi tal-Komunità, kemm ġeneralment kif ukoll f'relazzjoni mad-diskriminazzjoni sesswali. Ser iħares ukoll lejn l-isfond aktar wiesgħa tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell internazzjonali. Ir-rapport li jirriżulta minn dan ser jipprova jiġbed konklużjonijiet dwar is-sanzjonijiet u r-rimedji taħt id-Direttivi ta' l-Ugwaljanza bejn ir-Razez u fl-Impjeg.

In-netwerk ta' esperti legali hija amministrata mill-Konsulenza Ewropea tal-Bniedem fi sħubija mal-Grupp ta' Politika dwar il-Migrazzjoni.

GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI JEKK JOGĦĠBOK ARA:

www.humanconsultancy.com u www.migpolgroup.com

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika: Ilĥna Ewlenin 2005 - L-Aċċess għall-Ġustizzja

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2005 – 27 pp. – 21 x 29.7 ċm

BEJGĦ U ABBONAMENTI

Il-pubblikazzjonijiet bi ħlas editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jinsabu għand l-aġenti tagħna mad-dinja kollha.

Kif nakkwista pubblikazzjoni?

Wara li takkwista l-lista ta' l-aġenti tagħna, ikkuntattja l-aġent li tixtieq u agħmel l-ordni tiegħek.

Minn fejn nakkwista l-lista ta' l-aġenti?

- Ikkonsulta s-sit fuq l-internet ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet <http://publications.eu.int/>
- Jew inkella tista' tordna kopja stampata bil--fax (352) 2929-42758.



“Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika: Il-ħna Ewlenin 2005” huwa ppubblikat taħt il-Programm ta’ Azzjoni Komunitarja kontra d-diskriminazzjoni 2001-2006. Dan il-programm ġie stabbilit mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Impjiegi, I-Affarijiet Soċjali u I-Opportunitajiet Ugwali bħala appoġġ pragmatiku sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva taż-żewġ Direttivi dwar ir-“Razza” u t-“Trattament Ugwali fuq il-post tax-xogħol” (2000) li joħorġu mill-Artikolu 13 tat-Trattat ta’ Amsterdam. Il-Programm ta’ sitt snin huwa mmirat primarjament lejn il-partijiet konċernati kollha li jistgħu iħallu influwenza fl-iżvilupp ta’ leġislazzjoni u politika approprijati u effettivi kontra d-diskriminazzjoni, madwar I-UE-25, I-EFTA u I-pajjiżi kandidati ta’ I-UE.

Il-programm ta’ azzjoni għandu tlett objettivi ewlenin. Dawn huma:

1. Li jtejjeb il-mod kif nifhmu l-kwistjonijiet li għandhom x’jaqsmu mad-diskriminazzjoni
2. Li jiżviluppa l-kapaċità sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni b’mod effettiv
3. Li jipromwovi l-valuri li fuqhom hija msejsa l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

L-attivitajiet li huma ffinanzjati taħt il-Programm janalizzaw u jevalwaw, jiżviluppaw u joħolqu kuxjenza dwar il-miżuri li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta’ razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali.

http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/index_en.htm

Id-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta’ sess hija indirizzata taħt strumenti leġislattivi separati. Għal aktar tagħrif dwar il-politika, il-leġislazzjoni u l-attivitajiet tal-Komunità dwar id-diskriminazzjoni minħabba s-sess, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-Taqsima għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fi ħdan id-DĠ għall-Impjiegi, I-Affarijiet Soċjali u I-Opportunitajiet Ugwali.

http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/equ_opp/index_en.htm

Biew tikkuntattja lit-taqsimha ta’ kontra d-diskriminazzjoni u r-relazzjonijiet mas-soċjetà ċivili:

Barbara Nolan

Kap tat-Taqsima

Taqsimha D3

Kummissjoni Ewropea

200 rue de la Loi

B-1049 Brussell

E-mail: empl-antidiscrimination@cec.eu.int